# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 73

It-Tlieta 13 t' Novembru, 2018

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**13 ta' Novembru, 2018**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**73.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 73.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-72.

**73.2.01** Il-minuti tal-laqgħa numru 72 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**73.2.01** Is-Segretarja talbet lill-Kunsill sabiex l-ordni tal-aġenda tiġi emendata peress li kien preżenti l-persuna li jrid jistabbilixxi klabb tal-futbol fl-Għasri. Il-Kunsilliera qablu ma dan it-tibdil.

## 73.3 Klabb tal-futbol fl-Ghasri.

**73.3.01** *Klabb tal-Futbol.* Is-Sur Joseph Pace Vincenti ntroduċa lilu nnifsu u spjega x'jixtieq jagħmel fl-Għasri. Hu stess u investitur barrani jixtiequ jistabbilixxu klabb tal-futbol. Biex dan isseħħ irid ikun f'lokalita' b'Kunsill Lokali fejn m'hemmx eżistenti klabb tal-futbo. Huma għażlu l-Għasri minn fost żewġ lokalitajiet oħra. L-għan tagħhom huwa li jkun diversi timijiet bi players minn barra l-pajjiż. Huma jixtiequ li jagħmlu faċilitajiet sportivi li jinkludu diversi *football pitches.* Il-Kunsilliera unanimament qablu li jagħtu "No objection" b'dawn il-kundizzjonijiet: (1) it-tfal/residenti tal-Għasri jkunu jistgħu jilgħabu f'dawn it-timijiet mingħajr ma jħallsu biex jieħdu sehem; (2) Il-Kunsill tal-Għasri jagħżel l-isem tal-klabb; (3) il-Kunsill ma jkunx obbligat finanzjarjament; (4) l-istatut tal-klabb irid jiġi approvat mill-Kunsill; u (5) il-Kunsill jgħin sabiex jsiru laqgħat ma' Ministru u Dipartiment koncernati. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra ta' No Objection lil Gozo Football Association.

## 73.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**73.4.01** Viżita tal-E.T. il-President ta' Malta. Saret laqgħa maċ-Chief of Staff tal-President ta' Malta fejn ġie kkonfermat li l-E.T. il-President ta' Malta ser iżżur l-Għasri nhar is-Sibt 22 ta' Diċembru bejn is-6:30 u 6:45 ta' filgħaxija. Waqt din iż-żjara l-President tiġbor donazzjonijiet għal Malta Community Chest Fund. F'dik il-ġurnata ser ikun hemm l-attivita tal-Milied fl-Għasri li tikkonsisti mill-plays tal-Milied u żfin. Iċ-Chief of Staff qal li din tkun attivita sabiħa li l-E.T. tkun tista tattendi parti minnha. Is-Segretarja Eżekuttiva nformat lill-Kunsilliera li ġie ssuġġerut li l-attivita ssir fis-Sala tal-Mużew minflokk is-sala tal-parroċċa u dan għaliex fil-preżent hemm ħafna mbarazz fis-sala minħabba r-restawr li qed isir fuq il-bini tal-knisja. Hi diġa tkelmet mas-Superjur u hu aċċetta li din l-attivita ssir fil-Mużew. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. Ġie diskuss ukoll li l-Kunsill ser jagħmel riceviment wara l-attivita fis-sala t'isfel tal-Mużew.

Jitqasmu tifkiriet tal-Milied lil dawk preżenti u ħelu lit-tfal.

**73.3.02** *Laqgħa mal-Onorevoli Silvio Parnis.* Ser tinżamm laqgħa tal-konsultazzjoni mal-Onorevoli Silvio Parnis dwar il-White Paper tar-Riforma fi ħdan il-Gvern Lokali nhar il-Gimgħa 23 ta' Novembru fl-Oratorju Don Bosco. Is-Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u impjegati u ħaddiema tal-kunsill huma mistiedna.

**73.4.03** *Bozza Ġdida fi Triq il-Knisja.* Il-Kunsill irċieva talba għall-bozza ġdida fi Triq il-Knisja. Il-Kunsilliera raw is-sit fejn qed tiġi mitluba l-bozza u taw l-approvazzjoni tagħhom biex titwaħħal bozza ġdida.

**73.3.04** *Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018.* Gie avviċinat Joseph Mizzi dwar in-nominazzjoni mill-Kunsill Lokali għal Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018, iżda Joseph Mizzi ma aċċetax din in-nomina u talab li jiġi nominat il-Grupp Zgħażagħ Paroċċa Corpus Christi. Il-Kunsilliera qablu ma dan it-tibdil.

**73.3.05** *Attivita.* Waqt l-attivita' li saret nhar is-Sibt 10 ta' Novembru li għalija l-Kunsill kien għamel baġit ta' €100 għall-attivitajiet għat–tfal preżenti. Peress li ma kienx hemm tfal preżenti waqt din l-attivita, l-Kunsill approva li dan il-baġit jgħaddi fuq spejjes inkonessjoni ma' din l-attivita.

**73.3.06** *Skema Finanzjarja Favur il-Komunita' – Libreriji Lokali/Regjonali.* L-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Għasri ġiet aċċettata u għalhekk il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €600 sabiex tmur għall-ispejjes in konnessjoni mat-tkabbir tal-librerija. Is-Segretarja Eżekuttiva talbet sabiex l-iskema tiġi estiża għal sitt xhur (mhux sa l-aħħar tas-sena 2018). Din it-talba ġiet aċċettata. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-kunsill flimkien ma kuntrattur.

**73.3.07** *Suġġeriment.* Il-Kunsill irċieva suġġeriment sabiex Triq il-Wilga u Triq Salvu Gambin isiru one way. Din ġiet diskussa mill-Kunsilliera fid-dettal. Peress li ser jinħolqu diffikultajiet għar-residenti kif ukoll għall-vetturi u makkinarji kbar il-Kunsilliera ma qablux ma dan is-suġġeriment.

**73.3.08** *Cirkulari Numru 9/2018 Sistema ta' file sharing (IntraLocal).* Sistema b'informazzjoni u gwidi ċari.

**73.3.09** *Ċirkulari Numru SPI 12/2018* Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports.

**73.3.10** *Email mingħanbd id-Direttur (Local Government, Monitoring and Support)* dwar "litter regulations" ġodda. Proċedura li wieħed irid jieħu sabiex jinbidel l-iskeda tal-ġbir tal-iskart.

**73.3.11** *Cir AKL 2018/138 – Ftehim Ħaddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF)* Ftehim li ġie approvat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-Ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali. Dan il-ftehim mhux impost fuq il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali tal-Għasri ddeċieda li ma jiffirmax dan il-ftehim.

## 73.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**73.5.01** Is-Segretarja nformat lill-Kunsilliera li t-tappiera li ssemmiet fl-aħħar laqgħa għandha bżonn manutenzjoni u mhux tibdil. Il-Kunsilliera qablu li dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

## 73.6 Rapport: Rapport ta' kull kwart (Jannar – Septembru 2018)

**73.6.01** Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart – Jannar – Settembru 2018. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 73.7. Laqgħa Pubblika.

**73.7.01** Il-Kunsill iddeċieda li l-Laqgħa Pubblika għandha tinżamm qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Is-Segetarja nformathom li għad m'għandiex l-allokazzjoni finanzjarja biex tkun tista taħdem il-baġit annwali tas-sena 2019.

## 73.8 Aġġornament tax-xogħol fit-toroq – Measure 4.3 u Toroq fil-Lokalita' Tiegħek.

**73.8.01** *Triq Wied il-Għasri.* Din it-triq tlestiet mix-xogħol ta' resurfacing. Issa fadal xi ħitan biex jinbnew. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bzonn xi gandotti li għandhom bżonn tindif urġenti. Il-kuntrattur tal-Kunsill ġie nkarigat biex jagħmel dan ix-xogħol b'mod urġenti.

**73.8.02** *Triq il-Gonna.* Ix-xogħol f'din it-triq huwa għaddej. Il-Kunsill approva li jiġu nstallati żewġ bozoz fit-triq. Il-cable għandu jgħaddi mill-gandott li hemm miftuh preżentament.

**73.8.03** *Triq it-Tamar.* Fi Triq it-Tamar beda xogħol ta' tindif u l-Kuntrattur, Road Construction Co. Ltd. qal li wara li jitlestew is-servizzi tal-ilma fi Triq il-Gonna ser jinbdew is-servizzi tal-ilma fi Triq it-Tamar.

**73.8.04** *Triq San Pupulju.* Il-Kuntrattur, Gatt Tarmac Ltd. qal li ser jibda x-xogħol fuq is-servizzi tal-ilma matul din il-ġimgħa.

## 73.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti.

**73.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-073 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 73.10 Mozzjonijiet.

**73.10.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 73.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**73.11.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:40 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru fis-7:00 p.m. Qabel il-laqgħa tal-Kunsill ser tinżamm il-laqgħa pubblika.

Konfermati, it-Tlieta 13 ta' Novembru 2018

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv